MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ROBERT G MANGION**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 184/2011

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat illi fil-11 ta’ Frar 2013 l-attrici ipprezentat rikors li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:-

Illi dan huwa rikors ai fini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li permess taghha r-rikorrenti qieghda titlob li t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula f'din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju.

Illi r-rikorrenti kienet intavolat proceduri ta' separazzjoni kontra zewgha li fil-fatt huma l-proceduri odjerni.

Illi fil-mori l-partijiet ffirmaw kuntratt fl-atti tan-Nutar Josef Masini Vento, permezz ta' liema huma sseparaw u dan wara li din l-Onorabbli Qorti kienet hekk awtorizzat lill-partijiet.

Illi ai termini tal-artikolu 66B jigi rilevat:

a. Illi l-partijiet kienu ilhom ma jghixu ta' mizzewgin ghal aktar minn erba’ (4) snin u dan kif jirrizulta mill-affidavit tar-rikorrenti hawn anness u mmarkat Dokument RM1.

b. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

c. Illi l-ulied tal-partijiet huma magorenni u ma hemmx arretrati ta' manteniment dovuti.

Illi huwa ghalhekk illi dak kollu mitlub mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta huwa fl-umli fehma tar-rikorrenti sodisfatt.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett lill din l-Onoraabbli Qorti sabiex joghgobha tilqa’ t-talba tar-rikorrenti u tordna illi t-talba taghha ghas-separazzjoni maghmula f'din il-kawza ghandha minflok titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta' divorzju ai termini tal-Artikolu 66F tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi l-konvenut ma opponiex ghal din it-talba.

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li r-rekwiziti mitluba bl-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta huma sodisfatti.

Ghalhekk it-talba imressqa bir-rikors fuq imsemmi hija gustifikat

Decide.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi r-rikors tal-attrici tal-11 ta’ Frar 2013 billi tilqa’ t-talba u tordna li l-kawza fl-ismijijiet premessi ghandha titqies bhala talba ghall-pronunzjament ta’ divorzju ai termini tal-artikolu 66F tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------